# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tat-13 ta' Lulju 2023**

**Talba nru. 190/2022**

**ELMO INSURANCE LIMITED**
**(C 3500)**

***VERSUS***

**(1) LK LIMITED (C-34234)**
**(2) GEZIM TOLI**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fis-27 ta' Gunju 2022 (Fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-konvenuti sabiex jigi kkundannati jhallsu l-ammont ta' elfejn tlett ija disgha u tletin Ewro u tmienja u sittin centezmu (Eur 2,339.68) liema ammont jirraprezenta flejjes zborzati a favur tar-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijiet "GasanMamo Insurance Limited et vs Elmo Insurance Limited" wara li kienet kostretta thallas dan l-ammont ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiett ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCL 327 u dan a tenur tal-lodo arbitrali moghti fis-16 ta' Frar 2022. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-14 ta' Marzu 2022 u bl-imghax legali.

Ra illi s-socejta konvenuta irriffjutat in-notifika kif jidher a fol.7. Fid-dawl ta' tali rifjut, it-Tribunal sema lill-ufficcjal tal-Qorti Barbara Micallef li bil-gurament taghha ikkonfermat illi hija tahdem bhala purtier fil-Qrati Civili ta' Malta u li kkonfermat li ghar-rigward tar-riferta negattiva li tinsab a fol. 7 ta' l-atti processwali, din kienet giet rifjutata min-naha tas-socjeta konvenuta LK Limited.

Illi fid-dawl ta' din ix-xhieda u ai termini ta' l-Artiklu 187, it-Tribunal Ikkunsidra li n-notifika ;l giet rifjutata fid-19 ta' Lulju 2022 kellha tigi meqjusa bhala notifika valida a finijiet u effetti kollha tal-ligi u li kwalunkwe terminu ghar-risposta min-naha tas-socjeta konvenuta kellu jibda jghodd minn din id-data.

Ra illi d-difensur tas-socjeta attrici ipprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta LK Limited fl-istess udjenza tas-27 t'April 2023.

Ra illi permezz ta’ nota a fol. 22 is-socjeta attrici cediet l-pretensjonijiet taghha limitatament fil-konfront tal-konvenut Gezim Toli.

Ra illi fis-seduta ta’ l-1 ta’ Gunju 2023, is-socjeta konvenuta naqset milli tidher ghall-udjenza sabiex twiegeb ghad-domandi attrici.

Ra illi fis-seduta tas-26 ta’ Gunju 2023 xehed George Stagno Navarra li bil-gurament tieghu, ddikjara li huwa rapprezentant tas-socjeta' attrici, Elmo Insurance Limited, u li l-vettura LCL327, senjatament fid-29 ta' Ottubru, 2019, kienet assigurata mal-istess Elmo Insurance minn Ludvic Dimech ghan-nom tas-Socjeta' Konvenuta, LK Limited. L-istess xhud iddikjara ukoll illi s-socjeta' attrici saret taf bl-incident premezz ta' ittra legali mibghuta mill-avukati, u sussegwentement, intbghatet ittra ufficjali mis-socjeta'aAttrici f' Mejju, 2021. Ix-xhud iddikjara illi s-socjeta' konvenuta, LK Limited, qatt ma ressqet xi claim jew rapport mas-Socjeta' Attrici. Ix-xhud ipprezenta wkoll id-decizjoni arbitrali moghtija wara l-incident mertu tal-kawza. Is-socjeta' attrici hallset l-ammont totali ta’ Eur 2339.68 lil Gasan Insurance. Ix-xhud iddikjara ukoll illi s-socjeta' attrici baqghet ma rcevietx l-imsemmi hlas li hija hallset ghan-nom ta’ l-assikurati taghha.

Ra illi d-difensur tas-socjeta attrici iddikjarat li ma kellux aktar provi.

Ra id-dokumenti ipprezentati mix-xhud.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal sema x-xhieda ta’ George Stagno Navarra fl-udjenza tas-26 ta’ Gunju 2023 fejn ta rendikont shih ta’ kif akkumula l-ammont pretiz mis-socjeta attrici u sahansitra ipprezzenta diversi dokumenti in sostenn ta’ dak li xehed fosthom il-polza ta’ l-assikurazzjoni. Ix-xhud iddikjara wkoll illi s-socjeta attrici, baqghet ma thallsitx l-ammont ta’ Eur 2,339.68.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi, “*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*.”

Il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, “*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*.”

Minn qari ta’ din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma’ lill-parti mharrka f’kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi l-konvenut wara li rrifjuta n-notifika ta' l-atti, baqa' ma ressaqx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza u lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici.

Illi ghaldaqstant, anke fid-dawl tan-nota ta' cessjoni limitatament fil-konfront tal-konvenut Gezim Toli, dan it-Tribunal ghandu quddiemu x-xhieda dettaljata tar-rapprezentant tas-socjeta attrici biss.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

Illi tenut kont illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal jaghraf illi wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema x-xhieda, ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba minghand is-socjeta konvenuta.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta LK Limited u konsegwentament jikkundannaha thallas l-ammont ta' elfejn tliet mija disgha u tletin Ewro u tmienja u sittin centezmu (Eur 2339.68) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-27 ta' Gunju 2022 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur